MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 488/2013

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Pisani Raymond sive Ray**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u wiehed u erbghin ewro u disghin centezmu (€241.90c), rapprezentanti *berthing fees* dovuti mill-konvenut lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta rigward il-*boat* Marsalforn I. Nhar il-15 ta' Frar, 2013 intbaghtet ittra ufficjali *ai termini* ta' l-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok.A, bi statement anness Dok.B) izda l-konvenut irrespinga t-talba permezz ta' notat tat-13 ta' Marzu, 2013 (Dok.C). Il-konvenut ghadu sallum inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Frar, 2013 u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ mitejn wiehed u erbghin ewro u disghin centezmu (€241.90c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------